Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2011

Appell Civili Numru. 361/2005/1

**Vodafone Malta Limited u s-socjeta` Mobisle Communications Limited li b'digriet tad-19 ta' Settembru 2005 giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza**

**v.**

**L-Avukat Generali, il-Kontrollur tad-Dwana, il-Ministru tal-Finanzi, l-Awtorita` ta' Malta ghall-Komunikazzjoni**

**Il-Qorti:**

Illi dan hu provvediment li qed jinghata fuq it-talba tal-atturi appellanti maghmula b'rikors tad-29 ta' Mejju 2009, biex issir riferenza lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea.

F'din il-kawza l-atturi qed jitolbu li jigu dikjarati null u bla effett l-Artikoli 40 u 41 tal-Att II tal-2005 li fihom hemm provdut taxxa ta' sisa ta' 3% fuq *'mobile telephony services'*. Qed jigi allegat li dawn l-artikoli huma ultra vires il-poteri tal-Parlament Malti ghat-tenur tal-Artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni u f'konflitt mal-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20 tal-Unjoni Ewropea, maghrufa bhala 'The Authorization Directive'. L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici li, da parti taghha, issa resqet appell mill-istess sentenza ghal quddiem din il-Qorti.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, tas-27 ta' Novembru 2008, kienet sabet li l-imposizzjoni ta' taxxa tas-sisa kif proposta fl-istess Att II tal-2005, ma jiksirx id-Direttiva 2002/20. Is-socjeta` attrici ma taqbilx ma' dan, u peress li tqis li allura jezisti konflitt ta' interpretazzjoni tad-Direttiva, qed titlob li tali konflitt jigi risolt permezz ta' riferenza quddiem il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea.

Il-konvenuti opponew it-talba. Osservaw li l-Kummissjoni Ewropea tat l-opinjoni taghha fis-sens li s-sistema Maltija ma tikkonfliggix mad-Direttiva Ewropea peress li hija taxxa li ma taqax fl-ambitu tad-Direttiva. Gie sottomess ukoll li l-materja li ghandha quddiemha din il-Qorti mhix relatata ma' interpretazzjoni tad-Direttiva, izda ta' klassifikazzjoni tat-taxxa tas-sisa imposta bil-ligi Maltija, liema materja taqa' biex tkun determinata mill-qrati lokali.
Din il-Qorti tibda biex tirrimarka li, a bazi tal-principju ta' sussidjarjeta` li jopera fost il-membri tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li hija l-Qorti Ewropea tal-Gustizzja li ghandha kompetenza tiddeciedi dwar validita` jew interpretazzjoni ta' atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, huma l-qrati nazzjonali li ghandhom il-kompetenza japplikaw dawk l-atti ghall-kaz partikolari u jiddeciedu fuq il-konformita` tal-legislazzjoni nazzjonali mal-istess atti. Fil-fatt fil-ktieb ta' Graig and De Burca, "EU Law" (Oxford 3rd Edit. Pagna 434 *et seq)* jinghad li *preliminary reference* tista' issir fi tliet kazijiet: (i) materja li tinvolvi *"the interpretation of the Treaty"*, (ii) materja li tolqot *"the validity and interpretation of acts of the insititutions"* tal-Unjoni, u (iii) materji li jinvolvu *"the interpretation of statutes of bodies*

*established by an act of the Council".* L-enfasi hi dejjem fuq l-interpretazzjoni ta' atti tal-Unjoni Ewropea, u avolja d-distinzjoni bejn interpretazzjoni u applikazzjoni mhux dejjem hi cara, mhux kompitu tal-Qorti Ewropea biex tghaddi gudizzju fuq il-validita` ta' ligijiet nazzjonali (ara kazijiet C-10 u 22/97 "Ministero delle Finanze v. IN. CO. GE. '90 Srl (1998) ECRI – 6307).

Issa, f'dan il-kaz, qed jigi sottomess illi kemm it-talbiet u kemm ir-risposta mressqa fil-kawza huma arginati fl-isfera ta' interpretazzjoni ta' ligi domestika, u ma jinkwadrawx f'interpretazzjoni ta' ligi tal-Unjoni Ewropea. It-tezi tal-konvenuti hija li din it-taxxa tas-sisa ma tohrogx mid-Direttiva li ghaliha saret riferenza mill-atturi fir-rikors promotur. Li trid tara din il-Qorti huwa jekk il-ligi Maltija hijiex konformi mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva, huma li huma, u mhux x'interpretazzjoni jrid jinghata lid-Direttiva, ghax l-Artikoli 12 u 13 taghha huma cari u l-kontestazzjoni hi marbuta biss mal-interpretazzjoni tal-ligi Maltija.

Inoltre, f'dan il-kaz, jezisti parir tal-Kummissjoni Ewropea fuq l-istess ligi Maltija, u ghalkemm din il-Qorti mhix marbuta li taccetta dak il-parir, il-fatt hu li fl-atti ta' din il-kawza gia` tezisti opinjoni ufficjali dwar kif l-Unjoni Ewropea thares lejn il-ligi Maltija inkwistjoni.

Jidher anke mir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li din qed tilmenta mill-fatt li t-taxxi inkwistjoni ma jaqawx li jkunu koperti bl-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva. Dik is-socjeta` attrici tghid li l-impost fiskali u mizati li skont id-Direttiva jistghu jigu hekk imposti jinqasmu, "kif jirrizulta evidentement mill-artikoli fuq citati", f'zewg kategoriji: wahda ta' imposti amministrattivi u l-ohra mizati ghad-dritt ta' uzu ta' rizorsi skarsi jew limitati. Hi tkompli tghid li t-taxxa imposta mill-Gvern Malti ma tidhol li tkun milquta minn ebda wahda minn dawn il-kategoriji u kwindi hija nulla.

Il-materja, fil-hsieb ta' din il-Qorti, pero`, ma tidhirx li hi daqshekk semplici. Jekk wiehed jaqra s-sentenza tal-ewwel Qorti jsib li, fil-fatt, dik il-Qorti tat interpretazzjoni dwar sa fejn iwasslu l-effetti tad-Direttiva. Dik il-Qorti

tghid li d-dazju tas-sisa impost ma jistax jigi kkunsidrat la bhala hlas amministrattiv u lanqas bhala tariffa li ghaliha huwa suggett il-fornitur jew l-operatur ta' servizz sabiex jinghata l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jopera. Eskluz li din it-taxxa tikkwadra ruhha fl-Artikolu 12 u 13 tad-Direttiva, l-ewwel Qorti osservat li, pero`, id-Direttiva ma teskludix l-imposizzjoni ta' taxxi ohra. Tosserva fil-fatt;

*"Illi jidher ghalhekk li ghalkemm l-istess Direttiva ghandha wkoll l-iskop li tillimita l-hlasijiet li jistghu jintalbu minghand l-operaturi fit-telekomunikazzjoni sabiex ikunu jistghu jaghmlu dan f'Istat membru jidher li din id-Direttiva ma tillimitax id-dritt tal-Istat Membru li jimponi taxxa fuq certu servizzi li jigu provduti mill-istess operaturi. L-artikoli invokati mill-atturi, jekk semmai jaghmlu xi restrizzjonijiet, dawn jaghmluhom esklussivament inkwantu ghal dak illi jirrigwarda l-hlasijiet amministrattivi u t-tariffi relattivi ghall-awtorizzazzjoni u/jew licenzja moghtija lilhom mill-Awtorita` kompetenti sabiex dawn ikunu jistghu joperaw.*

*"Illi f'dan il-kaz, jirrizulta li l-Awtorita` kompetenti ma kienitx involuta fl-imposizzjoni ta' tali dazju, u tali dazju ma kienx impost bhala kundizzjoni ghall-hrug ta' xi licenzja jew awtorizzazzjoni sabiex l-istess operatur jew operaturi registrati bhala tali skont il-ligi jkunu jistghu joffru s-servizzi taghhom f'dan il-pajjiz, tant li d-dazju tas-sisa huwa kkunsidrat bhala taxxa imposta mill-Istat Membru u konsegwentement din il-Qorti thoss li l-istess taxxa ma taqghax fil-parametri ta' dawn iz-zewg artikoli tal-istess Direttiva u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib ksur ta' Direttiva 2002/20 fuq din il-bazi."*

Jidher car mill-premess li l-kostatazzjonijiet tal-ewwel Qorti ma kienux marbuta biss mal-validita` tal-Ligi Maltija, izda intrinsikament mal-interpretazzjoni tad-Direttiva, fis-sens li, skont l-ewwel Qorti, din id-Direttiva ma teskludix l-imposizzjoni "ta' taxxa fuq certu servizzi li jigu provduti mill-istess operaturi". Din il-limitazzjoni tal-effetti tad-Direttiva trid tigi mistharga mill-Qorti Ewropea ta' Gustizzja. Hu veru li wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li waslet l-ewwel Qorti meta wiehed iqabbel id-Direttiva precedenti (dik bin-numru 97/13/EC) ma' dik attwalment in

operazzjoni, pero`, trattandosi ta' interpretazzjoni ta’ Direttiva, din il-Qorti, bhala l-ahhar qorti li qed tisma’ dan l-aggravju, hija obbligata li taghmel ir-referenza biex ikollha direzzjoni mill-Qorti Ewropea, li wkoll mhix marbuta li ssegwi l-opinjoni moghtija mill-Kummissjoni Ewropea.

Din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici biex taghmel referenza lill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja, u tordna lis-socjeta` attrici sabiex, fiz-zmien erbghin jum mil-lum, tipprepara abbozz ta’ riferenza li ghandu jigi notifikat lill-kontroparti li jkollhom huma wkoll erbghin jum min-notifika biex iressqu l-emendi u/jew tibdil li jixtiequ jkun hemm fir-referenza.

Il-kawza qed tigi differita biex issir trattazzjoni dwar il-kontenut tar-referenza.

Spejjez rizervati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------